**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2499**

**Kaz Numru: 3506/JD** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Borg Carmel (K.I. numru 474558M)**

**u**

**Malta Public Transport Services**

**(Operations) Limited (C-48875)**

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ); FIPD</u>**

Illum 23 ta' Novembru, 2017

**INTRODUZZJONI**

Dan il-Kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors tas-Sur Carmel Borg, li kien ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-4 ta' Novembru 2016 mill-Avukat Dottor Andrew Grima.

**1. RIKORS TAR-RIKORRENT**

Il-qofol tar-Rikors tar-Rikorrent espona li:

1.1 ir-Rikorrent kien gie ngaggat mis-Socjeta` Ntimata, li dak iz-zmien kienet Arriva Malta Ltd, bhala *Body Repairer* fuq bazi *full time* b'kuntratt indefinit mit-3 ta' Gunju 2013;

1.2 matul il-perjodu kollu tal-impjieg tieghu mas-Socjeta` huwa dejjem qeda dmiru tajjeb skond is-sengha w l-arti u dejjem skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu; it-*track record* dixxiplinarju tieghu kien wiehed ezemplari tul iz-zmien illi ghamel jahdem mas-Socjeta`;

1.3 nhargitlu *Charge Letter* datata 5 ta’ Lulju 2016 b’allegazzjoni ta’ zewg incidenti ta’ mizapproprijazzjoni ta’ proprjeta` tas-Socjeta`;

1.4 l-ewwel incident kien dak tas-27 ta’ Gunju 2016 meta nstabu fil-pussess tieghu oggetti li s-Socjeta` ddeskriviet bhala pajpijiet u li allegat illi kienu tal-*copper* huwa w hiereg mill-post tax-xoghol;

1.5 il-‘pajpijiet’ kienu tlett *washers* li ma kenux tal-*copper*; kienu jintuzaw bhala *stopgap* sakemm l-*air conditioners* jitwahhlu fl-*aircondition ducts* tal-vetturi tas-Socjeta` waqt illi jkun qed isir xoghol ta’ manutenzjoni fuq is-sistemi ta’ l-arja kundizzjonata; rapprezentanti tas-Socjeta` kkonfermaw illi wara l-uzu taghhom, il-*washers* kienu jintremew u ghaldaqstant ma kellhom l-ebda valur ghas-Socjeta`; ir-Rikorrent ma kienx qabad u ha pussess ta’ dal-*washers* izda kien talab lil haddiema fil-Workshop sabiex wara li jintuzaw, minflok jintremew, huwa jkun jista’ jiehu tlieta mieghu d-dar; huwa thalla jehodhom;

1.6 kien hemm haddiema ohrajn li thallew jiehdu dat-tip ta’ *washers* minghajr ebda tip ta’ konsegwenza;

1.7 it-tieni ncident, li nqala’ ftit jiem wara dak ta’ l-ewwel, ir-Rikorrent instabulu oggetti fil-*locker* assenjat lilu, liema oggetti, skond is-Socjeta`, ma setghux jinzammu fil-*locker*;

1.8 l-istess *locker* kien qed jintuza minn tlett haddiema ohrajn ghaliex kien hemm nuqqas ta’ *lockers*;

1.9 l-oggetti in kwistjoni kienu qed jintuzaw ukoll minn haddiema ohrajn u ghalhekk ma setax jinghad illi dawn kienu minghajr dubbju qed jintuzaw mir-Rikorrent;

1.10 certu s-Sur Charles Mangion kien jaghti dawn l-oggetti lill-haddiema sabiex ikollhom biex jahdmu fil-*weekend* f’kaz illi ma jkunx hemm *storekeeper*;

1.11 s-Socjeta` qatt ma tat istruzzjonijiet jew ordnat lill-haddiema biex ma jpoggux oggetti *di* proprjeta` tas-Socjeta` fil-*locker* assenjat lilhom;

1.12 il-haddiema kollha li jahdmu fil-*Workshop* huma konxji tal-fatt li l-*lockers* huma sorveljati bil-kameras tas-sigurta`;

1.13 il-haddiema huma wkoll konsapevoli tal-fatt illi l-*lockers* jistghu jinfethu minn rapprezentanti tas-Socjeta` f'kull hin minghajr il-permess tal-haddiema;

1.14 ic-*Chairman* imqabbad mis-Socjeta` biex jisma' l-kaz taz-zewg incidenti msemmija hawn fuq sab lir-Rikorrent hati b'rakkomandazzjoni li qabel ma tinghata piena ssir investigazzjoni dwar jekk ir-Rikorrent kienx inghata permess ipoggi l-oggetti fil-*locker*;

1.15 b'ittra datata 28 ta' Lulju 2016 is-Socjeta` immedjatament itterminat l-impjieg tar-Rikorrent;

1.16 ir-Rikorrent appella did-decizjoni, izda s-Socjeta`, *nonostante* l-fatti cari quddiemha, ikkonfermat id-decizjoni tat-terminazzjoni permezz ta' ittra datata 8 ta' Awissu 2016, liema decizjoni giet ikkomunikata lir-Rikorrent fis-16 ta' Settembru 2016 bi ksur tal-Ftehim Kollettiv;

1.17 in vista tal-premess ir-Rikorrent jissottometti li t-trattament li gie rriservat lilu kien inaccettabbli w detrimentali ghaliex is-Socjeta` ddecidiet illi tiskarta l-evidenza kollha li kienet tiskolpa lir-Rikorrent u minflok takkanixxi ruhha fil-konfront tieghu w tinfliggi l-ghola piena li setghet tinghata;

1.18 ir-Rikorrent ma seta' jinstab hati ta' l-ebda punt ta' l-offizi allegati;

1.19 anke jekk ghas-sahha ta' l-argument ir-Rikorrent kien b'xi mod naqas lejn is-Socjeta`, tenut kont ta' l-evidenza prodotta u r-rizultanzi tal-*Board* ta' Dixxiplina, l-offizi ma kenux gravi li jimmeritaw terminazzjoni mill-impjieg; it-tkeccija kienet ingusta w sproporzjonata w imsejsa fuq inesattezzi fattwali u nveritjeri u ghalhekk kienet decizjoni ngusta u llecita;

1.20 kien hemm diskriminazzjoni blatanti fil-konfront tar-Rikorrent;

1.21 ghalhekk it-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba w sufficjenti skond il-Ligi;

1.22 r-Rikors sar ai termini tal-Artiklu 75 tal-Att XXII tat-2002.

**2. RISPOSTA TAS-SOCJETA` NTIMATA**

Il-qofol tar-Risposta tas-Socjeta` Ntimata eccepixxa li t-talbiet tar-Rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u li t-tkeccija saret ghal raguni gusta w sufficjenti skond il-Ligi, u dan *stante* li:

2.1 nhar is-27 ta' Gunju 2016 ir-Rikorrent, hu u hiereg, wara gurnata xoghol, mid-*depot* li s-Socjeta` ghandha f'Hal-Luqa, kien soggett ghal *spot check*;

2.2 dawn l-i*spot checks* isiru peress illi s-Socjeta` tesperjenza ammont konsiderevoli ta' serq u mizapproprijazzjoni ta' materjal u ghodda mill-post tax-xoghol minn certu haddiema li jkunu jahdmu fis-sengha taghhom wara l-hin tax-xoghol;

2.3 malli nfetah il-basket tar-Rikorrent instabu tlett *washers*;

2.4 in vista ta' dan tqajjem suspett illi r-Rikorrent seta' kien qieghed jahzen u/jew jahbi gol-*locker* tieghu materjal iehor bl-iskop illi eventwalment jigi mizapproprijat;

2.5 ittihdet id-decizjoni li l-*locker* jigi ssigillat; il-ghada filghodu nfetah quddiem ir-Rikorrent, is-Sur Joe Mercieca, Panel Beater, Ms Sarah Marie Tanti, Human Resource Executive, is-Sur Adam Farrugia, Assistant Engineering Manager, u s-Sur David Bermejo, Engineering Director;

2.6 meta nfetah il-locker nstabu bott tal-*fibreglass*, bott *filler spray*, u disa' maskli protettivi ndividwali li jintuzaw fuq il-post tax-xoghol u dan meta r-Rikorrent qatt ma inghata permess jihu u/jew jahzen dan il-materjal fil-*locker* personali tieghu;

2.7 in vista ta' dan inharget Charge Letter datata 5 ta' Lulju 2016 fejn gew spjegati l-akkuzi migjuba kontrih;

2.8 nhar il-21 ta' Lulju 2016 saret il-laqgha dixxiplinarja tal-*Board* tad-Dixxiplina;

2.9 meta kkonfrontat bl-akkuzi migjuba kontrih ir-Rikorrent innega illi huwa kien qieghed jisraq il-materjal u l-ghodda u sostna li huwa kien jahzen il-materjal misjub fil-*locker* ghaliex (i) huwa kien awtorizzat mis-superjur tieghu s-Sur Charles Mangion u (ii) meta jkun qieghed ix-xoghol u ma jkunx hemm is-Sur Mangion (li ghandu l-awtorizzazzjoni li jgiblu l-materjal mill-i*store*) huwa jkollu l-materjal illi jkollu bzonn biex jahdem bih;

2.10 s-Sur Mangion ikkonferma li, "I never gave permission to anyone to keep certain things which belong to the Company in their private locker.";

2.11 ghal meta l-i*store* ikun maghluq is-Socjeta` pprovdiet *locker* orancjo li kien *locker* pubbliku li kien jintuza apposta ghal dal-iskop, u ghalhekk l-iskuzi tar-Rikorrent ma kenux verosimili u tali li jiggustifikaw il-fatt illi kien qieghed jahzen materjal u proprjeta` tas-Socjeta` fil-*locker* personali tieghu;

2.12 c-*Chairman* tal-*Board* tad-Dixxiplina ppubblika decizjoni li sabet lir-Rikorrent *"guilty as charged"*;

2.13 in vista tad-decizjoni tal-*Board* Dixxiplinarju, is-Socjeta` ddecidiet illi ladarba r-ragunijiet moghtija mir-Rikorrent ma kenux verosimili u gustifikati, is-serq u mizapproprijazzjoni tal-hwejjeg tas-Socjeta` kienet timmerita t-tkeccija ghal raguni gusta w sufficjenti u ghaldaqstant avzat lir-Rikorrent bit-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu permezz ta' *termination letter* datata 28 ta' Lulju 2016;

2.14 sussegwentement ghat-*termination letter* ir-Rikorrent appella permezz ta' ittra mibghuta f'ismu mill-UHM;

2.15 minkejja l-konsiderazzjoni ta' l-appell, is-Socjeta` hasset illi d-decizjoni taghha kienet gustifikata, u ghalhekk ikkonfermat id-decizjoni permezz ta' ittra datata 8 ta' Awissu 2016;

2.16 s-Socjeta' tikkontendi li permezz tas-sejbiet taghha u l-process dixxiplinarju ekwu u gust illi ta lir-Rikorrent ic-cans illi jispjega ruhu w jaghti l-verzjoni tieghu, gie stabilit bi grad ta' certezza illi r-Rikorrent inqabad jimmizapproprija ruhu u/jew jisraq materjal u proprjeta` tas-Socjeta` ghall-gwadann personali tieghu u dan a detriment ta' l-istess Socjeta` li thaddmu;

2.17 s-Socjeta` ma tista' taccetta qatt l-ebda tip ta' agir qarrieqi u serq ta' materjal u ghodda illi jiswa l-flus mill-impjegati li suppost huma ngaggati biex imexxu 'l quddiem l-operat ta' l-azjenda u ghaldaqstant, id-decizjoni li r-Rikorrent jitkecca kienet wahda gustifikata w proporzjonata fid-dawl tal-akkadut.

## 3. TRATTAZZJONIJIET FINALI

Is-Socjeta`:

3.1.1 osservat illi wara l-kontroezami rrizulta li kien hemm xiehda kontrastanti bejn dik tas-Socjeta` u dik tar-Rikorrent;

3.1.2 tqis illi l-procedura ta' dixxiplina skond il-ftehim kollettiv, "giet segwita alla lettera";

3.1.3 ma taccettax l-argument tar-Rikorrent illi l-valur tal-oggetti tas-Socjeta` li nstabu fil-*locker* tar-Rikorrent kienu ta' valur zghir u dan peress illi s-Socjeta` timpjega madwar 1,200 haddiem u "allahares" kellha taccetta s-serq ta' *consumables*;

3.1.4 "tithallas … mill-flus tal-poplu biex taghmel servizz pubbliku … ghandha tigi … meghjuna li meta jkun hawn kazijiet bhal dawn tihu l-azzjoni li jidhrulha li huma xierqa.";

3.1.5 tishaq illi t-Tribunal mhux Qorti Kriminali; ma ghandux ghalfejn jipprezenta provi beyond reasonable doubt li kien hemm serq; it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk is-Socjeta` kenitx iggustifikata li tittermina l-impjieg tar-Rikorrent;

3.1.6 rreferiet ghall-Kaz Nru 3324/ET mitmum bid-Decizjoni Numru 2482 biex issahhah il-kawza taghha;

3.1.7 rreferiet ukoll ghall-*Law of Employment*, ta' Selwyn, fejn huwa kkwotat l-*Employment Appeals Tribunal* li qal, b'riferenza ghall-kaz *Trust House Forte Hotels Limited vs Murphy*, illi, "*it was an unreasonable burden on employers if they could not fairly dismiss employees who had stolen property which had been entrusted to their care. Although Management could have been influenced by compassional grounds and might have decided not to dismiss an employee who had stolen a small amount of property, a reasonable Management may have taken either view, hence it was not possible to argue that this employer had acted unreasonably. … The employer must genuinely believe that the employee has been guilty*

*of the misconduct in question, they must have reasonable grounds for that belief and they must have carried out such investigation into the matter as is reasonable in the circumstances. The question is … whether it was reasonable for the employers to dismiss him taking into account all the circumstances in fact known to the employers at the time of the dismissal*.";

3.1.8 emmnet illi, "fid-dawl tac-cirkustanzi u … ta' l-investigazzjoni forsi limitata illi ghamlet kienet gustifikata," li tkecci lir-Rikorrent, " biex twaqqaf dawn l-affarijiet milli jsiru.";

3.1.9 dehrilha li x-xiehda tas-Sur Cuschieri ma kellhiex tigi mehuda in konsiderazzjoni peress illi huwa telaq minn mas-Socjeta` xhur qabel sehh il-kaz;

3.1.10 affermat illi l-*lockers* kienu ghall-affarijiet personali tal-impjegati tant illi "kienu jsejhulu *locker* tal-hwejjeg";

3.1.11 fakkret illi s-Sur Chali Mangion ghamel *statement* iffirmat illi jghid illi qatt ma tahom permess izommu l-affarijiet fil-*locker* tant illi meta nfethu ghoxrin *locker*, "ma nstab xejn";

3.1.12 ccarat illi, "l-*washer* qatt ma kien ir-raguni ghat-tkeccija …; il-*washer* kien dak illi wassal ghall-*locker.*"

3.2 Ir-Rikorrent:

3.2.1 sostna li, "aktar ma tkun kbira l-akkuza w aktar ma tkun kbira l-piena maghquda ma' dik l-akkuza, il-prova trid tikber u ma tibqax fuq bilanc ta' probabbilta` ghaliex fuq ix-x'aktarx ma ttellifx haddiem xogholu ….";

3.2.2 spjega li l-kaz odjern huwa dwar akkuza ta' serq u allura l-prova li jridu jaghmlu mhix dik tax-xaktarx;

3.2.3 qies illi l-kaz, ta’ serq jew attentat ta’ serq, ma giex ippruvat, lanqas fuq bilanc ta’ probabbilta`;

3.2.4 irrileva li s-Socjeta` ma ressqitx quddiem it-Tribunal l-oggetti li r-Rikorrent kien akkuzat illi seraq, u dan biex jippruvaw jahbuhom mit-Tribunal; ressaqhom ir-Rikorrent;

3.2.5 kien akkuzat illi seraq oggetti tar-ram; ir-Rikorrent ipprova b’mod xjentifiku li ma kinux tar-ram;

3.2.6 interpreta lis-Sur Bermejo, Engineering Director, illi l-oggett misruq ma jista’ jintuza ghall-ebda raguni ohra hlief ghall-*airconditioning* tal-karozzi tal-linja;

3.2.7 osserva li kieku ried jisraq il-*washer* kien jitfghu fil-but ghax fil-but ma jfittxulhomx;

3.2.8 ikkwota lill-Avukat illi assista lis-Socjeta` jghid, waqt illi kien qed isaqsi lis-Sur Bermejo, illi, “*… it was very clear that the issue wasn’t about the copper pipes but what was found in the locker*”; b’hekk ir-Rikorrent ikkonkluda li s-Socjeta` ma keccietx lir-Rikorrent “fuq il-*washer*, keccewh fuq l-affarijiet … li sabulu fil-*locker* u allura hemmhekk nahseb illi l-kwistjoni tal-*washer* hija sorvolata …”;

3.2.9 iccita l-“massima li *de minimis non curat lex*”;

3.2.10 kellu jirrispondi fuq il-*washer* tieghu u mhux ghall-*washers* l-ohra kieku kull impjegat kellu jihu *washer*;

3.2.11 zamm l-affarijiet fil-*locker* biex juzahom waqt ix-xoghol;

3.2.12 enfasizza li lanqas kien hemm attentat ta’ serq ghax l-“affarijiet kienu taht is-saqaf tas-Socjeta` w baqghu hemmhekk”; “l-iskorfina li kienet ser tohrog … (is-Socjeta`) stess (qed tghid) … li ma kenitx parti mill-kawza …”;

3.2.13 fakkar illi, “fil-*garage* hemm skoss *CCTV cameras*”;

3.2.14 argumenta li huwa kellu c-cavetta tal-*locker* u kieku ried sata’ johrog l-affarijiet ghax lanqas is-Socjeta` ma kellha access ghalih;

3.2.15 kellu 58 sena u kien ghadu ma jahdimx; ic-*chances* illi jsib xoghol kienu, “*remote* hafna”; kien qieghed ifittex;

3.2.16 kkontenda li s-Socjeta` ma ppruvatx il-kaz taghha;

3.2.17 oggezzjona ghax-xhieda tal-impjegati “white collar” ghax haseb illi, “jkun hemm ftit ta’ distinzjoni bejn il-*white collar* u l-*blue collar workers”* u haseb ukoll illi, “x-xhieda tal-*white collar* ippruvaw isostnu (s-Socjeta`) u … t-tkeccija”;

3.2.18 emmen li t-tkeccija la kienet ghal raguni gusta u lanqas sufficjenti.

## 4. KUNSIDERAZZJONIJIET

4.1 L-ittra ‘finali’ tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tar-Rikorrent, dik tat-8 ta’ Awissu 2016[1], li harget wara li s-Socjeta` stqarret illi regghet ikkunsidrat il-Kaz peress illi r-Rikorrent kien appella nternament skond il-Ftehim Kollettiv[2] mid-decizjoni ta’ tkeccija, tistqarr illi t-tkeccija kienet immotivata mid-decizjoni li ttiehdet mill-*Board* Dixxiplinarju[3] tas-Socjeta`.

4.2 Il-*Board* kien sab lir-Rikorrent, “*Guilty as charged*.”

4.3 Ic-*charge* kien dak ta’ *gross misconduct* u kien ibbazat fuq ic-*Charge Letter* tal-5 ta’ Lulju 2016[4] li takkuza lir-Rikorrent illi:

4.3.1 seraq[5] peress illi zamm *consumables* fil-*locker* assenjat lilu u dan bla permess;

4.3.2 ma qalx il-verita` billi qal illi kien is-superjur tieghu li qallu biex izomm bott tal-*fibre*, bott ta’ *filler spray*, u disa’ maskli fil-*locker* tar-

Rikorrent – waqt tfittxija fil-*locker* tar-Rikorrent illi saret fit-28 ta' Gunju 2016;

4.3.3 zamm bott tal-*fibre*, bott ta' *filler spray*, u disa' maskli fil-*locker* assenjat lilu minghajr permess – instabu fil-*locker* tar-Rikorrent fit-28 ta' Gunju 2016.

4.4 Dawn l-akkuzi, skond dat-Tribunal, huma bbazati fuq nuqqas ta' fedelta' ma' dawk illi lit-Tribunal irrizultalu li kienu l-fatti kif se jkun spjegat u cioe`:

4.4.1 Rigward 4.3.1:

4.4.1.1 iz-zamma ta' proprjeta` tas-Socjeta` fil-*locker*, u jekk dan jikkostitwix serq jew le, hija ttrattata f'4.4.4;

4.4.1.2 ghat-Tribunal is-serq sar fl-incident tas-27 ta' Gunju 2016; izda s-Socjeta` ddikjarat illi t-tkeccija ma saritx minhabba f'hekk; spjegat illi l-incident tas-27 ta' Gunju 2016 kien il-kawza ta' l-investigazzjoni ulterjuri;

4.4.1.3 madankollu t-Tribunal jidhirlu li ghandu jittratta dal-incident tas-27 ta' Gunju 2016 peress illi l-mod kif gie ttrattat il-kaz kollu waqt is-seduti nghata mportanza bazilari mir-Rikorrent u tali mportanza ma kenitx ribattuta bizzejjed mis-Socjeta` hlief fit-trattazzjoni finali, u anki ghaliex kien hemm differenza fundamentali fid-deskrizzjoni ta' l-oggetti misruqa bejn dik illi tidher fic-*Charge Letter* u dik illi fil-fatt irrizultat lit-Tribunal, u ghat-Tribunal did-differenza ndikat certu leggerezza fl-attitudni tas-Socjeta` lejn l-apprezzament tal-gravita` tad-decizjoni ta' tkeccija; fil-fatt l-incident tas-27 ta' Gunju 2016 qed jigi ttrattat f'4.4.1.4 sa 4.4.1.9; dawn l-istess punti juru li l-gravita` ta' l-att ta' serq hija mtaffija mmens u li anki kieku s-Socjeta` akkuzat lir-Rikorrent b'serq tal-*washers* flimkien maz-zewg akkuzi l-ohra dat-Tribunal ma kienx iqis illi d-decizjoni ta' tkeccija kienet tkun

gustifikata, sakemm iz-zewg akkuzi l-ohra ma kenux jiggustifikaw it-tkeccija;

4.4.1.4 filwaqt illi d-decizjoni tal-*Board* tad-Dixxiplina kienet, "*Guilty as charged*", u fuq liema decizjoni s-Socjeta` kkonfermat it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-Rikorrent minkejja r-rapprezentazzjonijiet tieghu fl-appell intern skond il-procedura ta' dixxiplina tas-Socjeta`, *following "the ruling of the chairperson"*[6], ir-Risposta tas-Socjeta` ghar-Rikors tar-Rikorrent tirreferi biss ghal '*washers*' u mhux aktar ghal dawk illi c-*Charge Letter* li fuqha twaqqaf il-*Board* tad-Dixxiplina ddeskriviet bhala "*copper pipes"*.

4.4.1.5 it-Tribunal ma satax jifhem kif minkejja l-evidenza ovvja li l-oggetti li nstabu fil-basket tar-Rikorrent kienu '*washers'* b'kostitwent qawwi ta' hadid b'kisja hafifa ta' '*copper'*, tant illi, fid-dimostrazzjoni li ra t-Tribunal waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 malli l-'*washer*' kien avvicinat minn kalamita dawn it-tnejn qabdu ma' xulxin, is-Socjeta`, waqt il-process ta' dixxiplina nterna, baqghet ma tirrikonoxxix illi l-allegati '*copper pipes'* kienu fil-fatt '*washers'* bazikament tal-hadid[7]. Anki, fix-xiehda tieghu,[8] is-Sur Joe Mercieca, Panel Beater, spjega li, "… materjal madwar il-*washer* huwa hadid ikkoperjat. Jaghmlulu naqra *copper*; infatti qabad isaddad; jaghmlulu naqra *copper* sakemm isir, biex ma jaghmilx hsara lill-*aluminium*; ghalhekk jaghmluh *copper coated* ghax jekk ikun hadid biss jaf jikkorrowdja w jikkorrowdja l-*aluminium* ukoll." Is-Socjeta` ma rribattietx l-ispjegazzjoni tas-Sur Mercieca;

4.4.1.6 ma jidhirx illi r-Rikorrent kellu *mala fede*; kieku kellu *mala fede* kien iqiegħed il-*washers* "fuq(u) fil-but u mhux i()hallihom fil-basket normali … l-uniformi kbira u ma kenux jidhru … Fuq il-hwejjeg qatt ma fittxitilna. Fil-basket naqilghuh … nohorgulha li jkollna." [9] It-Tribunal isib illi dil-istqarrija hija kredibbli anki ghaliex is-Sur

Christopher Cuschieri, *ex storekeeper* tas-Socjeta` Ntimata, li rrizenja mis-Socjeta` Ntimata sitt xhur qabel l-incident tar-Rikorrent, xehed illi, ”*Security* kien hemm. *Security* ahna w hergin dejjem fittxewlna fil-basktijiet … u nfatti darba minnhom anke hareg, hargu l-kbarat ukoll u bdew ifittxu huma wkoll u wiehed minnhom fittxew lilu wkoll jigifieri ma sabulu xejn.”[10] It-Tribunal accetta x-xiehda tas-Sur Cuschieri peress illi x-xiehda tieghu kienet dwar *policy* u liema *policy* kienet diga` msemmija mid-Direttur tas-Socjeta` s-Sur Bermejo;

4.4.1.7 mill-process, is-Socjeta` ma wrietx illi setghet issofri danni bit-telf tat-tlett *washers*.

4.4.1.8 anzi, is-Socjeta` sahqet fit-trattazzjoni finali taghha li, "… l-punt tat-tkeccija qatt ma kien fuq il-*washer,* il-*washer* kien dak illi wassal ghall-*locker* illi sab dak.[11]”

4.4.1.9 ghalkemm 4.4.1.1 sa 4.4.1.8 nkluza jattenwaw il-gravita` ta’ l-akkuza ta’ serq, it-Tribunal iqis illi r-Rikorrent zbalja. It-Tribunal ma jaghtix ragun lir-Rikorrent meta qal, fix-xhieda tieghu tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2016, illi saqsa t-*technician*, li r-Rikorrent xehed illi ma satax jiftakar ismu, jekk jistax jihu tlett ‘*washers*’. Hu x’inhu, ir-Rikorrent kellu jitlob permess minn ghand superjur tieghu. Anki jekk il-*washers* kienu jintremew wara l-uzu u r-Rikorrent ha *washers* uzati, ma kellux jehodhom minghajr il-permess tas-superjur tieghu. Dawk kienu proprjeta` tas-Socjeta`.

4.4.2 Rigward 4.3.2:

4.4.2.1 ghat-Tribunal ix-xiehda krucjali hija dik tas-Sur Mangion[12], is-superjur tar-Rikorrent, fejn xehed illi, "Jiena permess qatt ma tajt lil hadd illi jzomm affarijiet tal-Kumpanija hlief il-hwejjeg, iz-zarbun illi jbiddel gol-*locker* taghhom, gol-*locker* taghhom il-ghodda u jekk fadallek naqra *hard metal* u naqra hekk ipoggiha hemmhekk, imma

ma tarax mhux ha naghtik permess illi jpoggi l-affarijiet tal-Kumpanija." Mela *consumables* setghu jkunu mizmuma fil-*lockers*!

4.4.2.2 ix-xiehda tas-Sur Mangion hija manifestament konfuza peress illi l-ewwel jixhed illi naqra *hard metal* hija permessa li wiehed izommu fil-*locker* pero` affarijiet tas-Socjeta` le! It-Tribunal jaghti l-beneficcju tad-dubju lir-Rikorrent. U dan aktar u aktar meta t-Tribunal jinnota li d-dikjarazzjoni bil-miktub tas-Sur Mangion, li kienet mitluba minnu mis-Socjeta`, saret nhar il-5 ta' Lulju 2016[13]filwaqt illi d-decizjoni tal-*Board* Dixxiplinarju ttihdet nhar il-21 ta' Lulju 2016[14]. Ir-rapport tal-*Board* Dixxiplinarju, filwaqt illi jghid illi, "*The Disciplinary Board notes the signed declaration made by Charles Mangion denying authorising the keeping of certain Company items in private lockers*," fid-Decizjoni tieghu jirrakkomanda li, "*It however recommends that prior to the award of a punishment … it should investigate further to confirm or otherwise that permission had in fact been given to the Accused to store the articles found in his locker*." Ghat-Tribunal dan ifisser illi filwaqt illi l-*Board* kellu d-dikjarazzjoni tas-Sur Mangion xorta deherlu li s-Socjeta` kellha tinvestiga ulterjorment dwar jekk fil-fatt kienx inhareg permess lir-Rikorrent biex jahzen l-oggetti li nstabulu fil-*locker.* Ghat-Tribunal dan jindika li minkejja d-dikjarazzjoni bil-miktub tas-Sur Mangion il-*Board* ma kienx konvint rigward jekk tali permess inghatax jew le.

4.4.3 It-Tribunal ma jsibx lir-Rikorrent hati ta' 4.3.2.

4.4.4 Rigward 4.3.3:

4.4.4.1 skond ix-xiehda tas-Sur Bermejo[15], "… *we found 9 masks to work fibre which is a number that is not required for one shift as … they request a mask … per shift as they don't paint every day ….*" ir-Rikorrent ma kellux ghalfejn izomm disa' maskli pero` x-xiehda tas-

Sur Joe Mercieca tghid illi, "… dawn jaghtihomna … issa jaghtina erbgha, nofs tuzzana, u titfaghhom hemm … meta tigi bzonn wahda tehodha; fil-kaxxa li ghamilt jien (peress illi ma riedx *locker*) inzomm *masking tape*, affarijiet bhal dawn … bhal maskla w hekk … jekk ikollok l-ixkatlar (tuza) tlieta, erbgha kuljum[16]". Din ix-xiehda tas-Sinjuri Bermejo u Mercieca hija kontradittorja;

4.4.3.2 izda x-xiehda tas-Sur Mercieca hija konsonanti mal-logika li tispjega ghaliex kien hemm in-numru li kien hemm ta' maskli fil-*locker* tar-Rikorrent. Is-Sur Bermejo deher illi ma kienx jaf ezattament x'jigri fil-hanut tax-xoghol. Per ezempju, ma kienx jaf illi kien hemm impjegati, bhas-Sur Mercieca, li ma kellhomx, jew ma ridux, *locker*. ("This is the first time that I hear this – that the locker was shared[17]"). Is-Sur Mercieca kien jahdem il-hin kollu fil-hanut tax-xoghol u allura l-probabbilta' hi li kien jaf ezatt x'jigri fil-hanut. Allura t-Tribunal qies ix-xiehda tas-Sur Mercieca bhala kaz iehor ta' x'jista' jkun illi fil-fatt kien qed jigri fil-hanut tax-xoghol, u ta l-beneficcju tad-dubju a favur tar-Rikorrent;

4.4.3.3 is-Socjeta` ma avzatx lill-impjegati b'*policy* li tipprojbixxi z-zamma ta' *consumables* fil-*lockers* personali ta' l-impjegati. Is-Sur Mercieca xehed, "… Jien ilni sitt snin … (nahdem mas-Socjeta` - inkluza l-Arriva). … qatt ma gie xi hadd jindikalna, - isma l-*locker* huwa ghall-affarijiet personali tieghek … [18]". Is-Socjeta` ma cahditx illi ma hargitx b'mod formali tali *policy*;

4.4.3.4 it-Tribunal jifhem u japprezza dak illi xehdet Ms R. Galea f'pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 viz. "… mill-esperjenza taghna nafu li hafna min-nies illi ghandhom sengha w jahdmu f'dak id-Dipartiment – ikunu *mechanics* jew *panel beaters* u jkomplu jaghmlu dak ix-xoghol id-dar personali fil-garaxx taghhom u jkun hemm hafna loghob u effettivament abbuz ghaliex isir dan ix-

xoghol imbaghad id-dar b'materjal tal-kumpanija …". Huwa proprju ghar-raguni li tat Ms Galea li jkabbar l-importanza li s-Socjeta` tassigura li l-impjegati jkollhom gharfien tal-*policy* taghha dwar il-*lockers* specjalment jekk in-nuqqas ta' harsien ta' tali *policy* twassal ghal tkeccija – u c-cirkolazzjoni ta' tali *policy* ghandha ssir b'mod car, semplici, formali u ufficcjali, inkella jkun hemm lok ghal skuzi li l-impjegat ma kienx jaf jew ma fehemx;

4.4.3.5 Ms Galea xehdet ukoll[19] illi, "… c-*charge* ma kinitx ghax sibnilu *washers* imma ridna naraw aktar l-intenzjoni (tar-Rikorrent) …". Is-Socjeta` ghandha tifhem u tapprezza li t-Tribunal normalment jiddeciedi fuq fatti u mhux fuq intenzjonijiet. U hekk ghandu jkun, ghaliex tkeccija hija l-aktar mizura estrema, li biex tkun gustifikata jrid ikun hemm certezza, gravita` li ma bhalha, governata mill-principju *de minimis non curat lex*, u konvinzjoni li mizura dixxiplinarja differenti minn dik ta' tkeccija tkun inutli;

4.4.3.6 ghar-ragunijiet ta' 4.4.2 u 4.4.3 t-Tribunal ma jsibx lir-Rikorrent hati ta' l-akkuza 4.3.3.

4.5. Qabel l-incidenti tat-28 ta' Gunju 2016, ir-Rikorrent qatt ma ttihdet xi mizura ta' dixxiplina kontra tieghu mis-Socjeta` Ntimata. Anzi, s-Sur Mangion, superjur tar-Rikorrent, xehed, "Jien ma ghandi xejn x'inghid fih. Dan kien jahdem. Jiena ghax gralu din il-bicca xoghol. Il-bqija ma ghandi xi nghid xejn … Tajjeb kien jahdem."[20]

4.6. Minkejja l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fir-Rikors tieghu, matul is-seduti r-Rikorrent ghamel riferenza ghal, "… niggarantilek jien li jekk tmur illum il gurnata, inti mur, hemm il-*lockers* u mimlijin bl-affarijiet qeghdin u bil-permess ta' Chali Mangion … kollha *sealers*, biex nahdmu mhux qed inghidlek jehduhom jien, biex jahdmu, allura ghax kelli landa jien u tahieli hu ghalfejn akkuzawni …?[21]." Dil-

allegazzjoni ma gietx ittrattata, u wisq anqas issostanzjata. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' l-akkuza ta' diskriminazzjoni.

4.7. Rigward il-paragun tal-Kaz Nru 3324/ET, bejn is-Sur Compagno u Malta Public Transport Services (Operations) Ltd, mal-Kaz odjern, dat-Tribunal jara differenza sostanzjali u cioe`:

4.7.1 "… dakinhar tal-Kaz is-CCTV *cameras* ma kinux qed jahdmu."[22]; u, "Dakinhar ir-rikorrent (is-Sur Compagno) kien qed isuq il-van tas-socjeta` u dahal bih fil-parkegg fejn kien hemm il-karozza privata tieghu u fejn ukoll kien hemm iz-zejt."[23]; u, " … impjegat ra lir-rikorrent (is-Sur Compagno) idahhal il-boroz suwed fil-karozza privata tieghu … "[24]; jigifieri l-oggetti misruqa (*jerry cans* taz-zejt) inhbew go boroz suwed; filwaqt illi s-Sur Compagno agixxa baxx baxx, ir-Rikorrent tal-Kaz odjern ghamel kollox fid-dieher, ma pprova jahbi xejn minn dak illi ghamel - "il-*locker* … miftuh matul il-gurnata jkun …[25]" u allura s-superjur tieghu s-Sur Mangion sata' jara l-kontenut tal-*locker*;

4.7.3 ghaldaqstant dat-Tribunal ma jsibx illi l-merti tal-Kaz Nru 3324/ET huma l-istess bhal dawk tal-Kaz odjern u kwindi ma jarax kif il-Kaz odjern jista' jkun regolat minnu.

4.8. Rigward ir-riferenza ghal Selwyn it-Tribunal jirrileva li:

4.8.1 Trust House Forte Hotels Ltd sofriet danni peress illi l-*liqueur* li nsteraq kellu jkun servut lill-klijenti tal-Kumpanija, mentri l-*consumables* li r-Rikorrent zamm fil-*locker* assenjat lilu baqghu fil-*locker* u ma hargux mill-bini tas-Socjeta`, u ghat-Tribunal ma giex ippruvat illi r-Rikorrent immizapproprja ruhu minnhom;

4.8.2 il-*Board* tad-Dixxiplina kellu dubji bizzejjed rigward jekk ir-Rikorrent zammx *consumables* tas-Socjeta` fil-*locker* bla permess biex

il-*Board* irrakkomanda lis-Socjeta` tinvestiga aktar fil-fond – ara 4.4.2.2;

4.8.3 it-Tribunal ma nghata l-ebda hjiel dwar f'hiex kienet tikkonsisti r-"*review*" u d-"*due consideration*" li s-Socjeta` ddikjarat illi ghamlet u hadet wara li rceviet it-talba ta' appell mir-Rikorrent mid-decizjoni ta' tkeccija[26] u ghalhekk mhux f'qaghda li jistabilixxi jekk is-Socjeta` regghetx fliet sewwa l-fatti u l-merti tal-kaz;

4.8.4 ix-xiehda tas-Sur Mangion ma kkonvincietx lit-Tribunal, anzi skulpat lir-Rikorrent – ara 4.4.2.1 u 4.4.2.2;

4.8.5 ghaldaqstant it-Tribunal ma jqisx illi l-applikazzjoni tal-veduti ta' Selwyn tal-Kaz Murphy suriferit hija valida fil-Kaz odjern;

4.9. Iz-zewg Partijiet qablu li t-trasport pubbliku f'Malta kien immexxi minn Kumpaniji li ssuccedew lil xulxin u li ghalhekk il-perijodu ta' l-impjieg tar-Rikorrent, ghal dil-Kwistjoni tax-Xoghol, ikun meqjus bhala wiehed kontinwu u cioe` mit-3 ta' Gunju 2013 sat-28 ta' Lulju 2016. Ghalhekk it-Tribunal iqis illi r-Rikorrent kellu 37 xahar ta' servizz mas-Socjeta`.

4.10. Ir-Rikorrent kien impjegat fuq bazi *fulltime*[27].

4.11. Ir-Rikorrent xehed illi huwa hadem fil-*panel beating* ghal 43 sena[28]. Izda r-*records* ta' Jobsplus juru li huwa hadem fil-*panel beating/sheet metal* ghal 24 sena[29]. Jigifieri ghamel 19 il sena f'xoghol illi mhux irregistrat mal-Jobsplus. Ir-Rikorrent ma gabx provi li minn mindu tkecca minn mas-Socjeta` Ntimata huwa fittex b'mod attiv u assidwu xoghol alternattiv, u lanqas ma ssottometta prova li ma ghamilx/mhux jaghmel xoghol ghal rasu.

4.12. It-tkeccija saret kwazi hames snin qabel ir-Rikorrent jilhaq l-eta` ta' l-irtirar.

4.13. F’1.16 ir-Rikorrent allega li s-Socjeta` kisret il-Ftehim Kollettiv, izda la spjega kif u lanqas ma gab xi prova ta’ l-allegat ksur.

4.14. It-Tribunal jikkumplimenta lis-Socjeta` ghall-opportunita` li taghti lill-impjegati taghha ghal smigh xieraq f’kazi fejn ikunu qed jigu kkuntemplati mizuri ta’ dixxiplina. Hija procedura zviluppata tajjeb ferm, u taghmel gieh lis-Socjeta`.

## 5. DECIZJONI

5.1 It-Tribunal, wara li fela s-sottomissjonijiet, evalwa x-xiehda, xtarr it-trattazzjonijiet tal-Partijiet, u ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, jaqta’ u jiddeciedi kif gej:

5.1.1 it-Tribunal ma sabx kawza gusta w sufficjenti skond il-Ligi ghad-decizjoni tat-tkeccija;

5.1.2 ghaldaqstant it-Tribunal jordna lis-Socjeta` li thallas lir-Rikorrent mhux aktar tard mill-31 ta’ Dicembru 2017: (a) kumpens ta’ elfejn, mitejn u hamsin Ewro (€ 2,250) u (b) l-ispejjez legali, skond it-tariffi ufficcjali, tar-Rikorrent;

5.1.3 ghall-iskopijiet ta’ l-Artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta t-Tribunal jiddikjara li dal-Kaz ma satax jigi deciz fi zmien iqsar, u dan minhabba differimenti, u ragunijiet amministrattivi.

5.1.4 ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali 48 ta’ l-1986 rigward drittijiet tad-difensuri tal-Partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta w disghin Ewro u sbatax il centezmu, kull wiehed.

5.1.5 b’hekk tintemm dil-Kwistjoni tax-Xoghol.

**(iffirmata)**

Is-Sur Joseph Delia
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju

---

[1] Dok. MPT 10
[2] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017
[3] Dok. CB 5
[4] Dom. CB 2
[5] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017
[6] Dok. CB 5
[7] Xiehda tas-Sur Bermejo f'pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-16 ta' Frar 2017
[8] Pagni 22, u 23 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-20 ta' April 2017
[9] Pagni 2, u 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2017
[10] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-20 ta' April 2017
[11] Pagna 26 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017
[12] Pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2017
[13] Dok. MPT 5
[14] Dok. MPT 7
[15] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-16 ta' Frar 2017
[16] Pagna 25 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-20 ta' April 2017
[17] Pagna 4 ta' Dok. MPT 6
[18] Pagna 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-20 ta' April 2017
[19] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017
[20] Pagna 14 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2017
[21] Pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017
[22] Pagna 4 tad-Decizjoni tal-Kaz 3324/ET
[23] Pagna 3 tad-Decizjoni tal-Kaz 3324/ET
[24] Pagna 4 tad-Decizjoni tal-Kaz 3324/ET
[25] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2017
[26] Dok. MPT 10
[27] MPT 1
[28] Pagna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2017
[29] CB 1